# AĠĠORNAMENT

## tat-*Tagħrif fuq il-Kitba Maltija* (1924)

## L-EWWEL PARTI

L-AKKADEMJA tal-Malti, li twaqqfet fl-1920 b'riżq iż-żamma, il-ħarsien u t-tixrid ta' l-Ilsien Nazzjonali, fl-1988 ħatret kummissjoni biex taġġorna l-ortografija tiegħu, speċjalment għal dak li għandu x'jaqsam mat-*Tagħrif fuq il-Kitba Maltija* (1924) u b'hekk tlaħħaq mal-ħtiġijiet li feġġew fi żminijietna. Din il-kummissjoni qablet li l-bażi ta' l-ortografija tal-Malti tibqa' dik imfissra fit-*Tagħrif* [1] u fiż-*Żieda mat-Tagħrif fuq il-Kitba Maltija* (1984).

Wara bosta laqgħat, il-Kummissjoni ressqet il-proposti tagħha dwar l-ewwel parti ta' xogħolha lill-Kunsill ta' l-Akkademja. Il-Kunsill ta' l-Akkademja qabel li dawn il-proposti għandhom ikunu s-sies ta' diskussjoni f'seminar li kellu jsir għall-imseħbin kollha ta' l-Akkademja u għal dawk il-kittieba u l-għalliema li għandhom għal qalbhom l-ortografija ta' l-Ilsien Malti.

Is-seminar sar nhar is-Sibt, 2 ta' Novembru 1991 fid-dar ta' l-għaqda *Din l-Art Ħelwa,* Triq Melita, il-Belt. Is-seminar tqassam f'żewġ sessjonijiet, waħda fil-għodu l-oħra wara nofs in-nhar.

F'diversi laqgħat il-Kunsill ta' l-Akkademja tal-Malti għarbel il-proposti kollha li ngħataw matul is-seminar u issa qiegħed ixandar dan ir-rapport finali dwar ir-regoli li kienu deċiżi. Dan 'il quddiem se jwassal għall-ħruġ mill-ġdid tat-*Tagħrif* rivedut skond dawn id-dokumenti u oħrajn li jistgħu jissawru fil-ġejjieni.

1 Minn issa 'l quddiem *Tagħrif* toqgħod għat-*Tagħrif fuq il-Kitba Maltija* (1924) u *Żieda* għaż-*Żieda mat-Tagħrif fuq il-Kitba Maltija* (1984). L-ittri 'T.ċ.' huma taqsira ta' "Tagħrifa ċkejkna".

Għal skop ta' aġġornament qed tingħata r-referenza għalihom skond ir-relevanza tas-suġġett.

# I L-ITTRI TA' L-ALFABETT

**1.** L-Alfabett Malti fih 30 grafema. Dawn huma 24 konsonanti u 6 vokali (ara t-*Tagħrif* pp. 2-3, 114). Għalkemm iż-żewġ grafemi 'għ' u 'ie' jinkitbu b'żewġ ittri kull waħda, jitqiesu bħala għelm wieħed kull darba.

L-ALFABETT

| IL-GRAFEMA | IL-FONEMA[2] | ISEM L-ITTRA |
|---|---|---|
| A, a | /**a**/ | a |
| B, b | /**b**/ | be |
| Ċ, ċ | /**tʃ**/ | ċe |
| D, d | /**d**/ | de |
| E, e | /**e**/ | e |
| F, f | /**f**/ | fe |
| Ġ, ġ | /**dʒ**/ | ġe |
| G, g | /**g**/ | ge |
| Għ, għ | //**għ**// | għajn |
| H, h | //**h**//[3] | akka |
| Ħ, ħ | /**ħ**/ | ħe |
| I, i | /**i**/ | i |
| Ie, ie | /**iə**/[4] | ie |

2 Hawn qed jintuża l-Alfabett Fonetiku Internazzjonali (l-*International Phonetic Alphabet* jew kif inhu magħruf l-*IPA*).

3 L-'għ' u l-'h' fil-Malti tal-lum huma psewdo-fonemi. Fil-kitba d-digraff 'għ' jinkiteb GĦ meta l-ittri l-oħra kollha tal-kelma jkunu kapitali.

4 / iə / 'ie' hija vokali waħda. Hija wkoll vokali twila. Titqies bħala ittra ta' l-alfabett u tidħol bejn il-vokali /i/ 'i' u l-konsonanti dgħajfa /y/ 'j' fil-lista alfabetika.

Bħal fil-każ ta' l-'għ' (ara nota 3), id-digraff 'ie' fil-kitba jinkiteb IE meta l-ittri l-oħra kollha tal-kelma jkunu kapitali. Għal għanijiet prattiċi d-digraff 'ie' jitqiegħed fil-kelma alfabetikament, bħal fl-eżempji li ġejjin: 'ġid', 'ġidd', 'ġiddem', 'ġidra', 'ġie', 'ġieb', 'ġiebja', 'ġieri' u 'ġifa'.

| IL-GRAFEMA | IL-FONEMA | ISEM L-ITTRA |
|---|---|---|
| J, j | /y/ | je |
| K, k | /k/ | ke |
| L, l | /l/ | le |
| M, m | /m/ | me |
| N, n | /n/ | ne |
| O, o | /o/ | o |
| P, p | /p/ | pe |
| Q, q | /ʔ/ | qe |
| R, r | /r/ | re |
| S, s | /s/ | se |
| T, t | /t/ | te |
| U, u | /u/ | u |
| V, v | /v/ | ve |
| W, w | /w/ | we |
| X, x | /ʃ/ [5]<br>/ʒ/ | xe |
| Ż, ż | /z/ | że |
| Z, z [6] | /ts/<br>/dz/ | ze |

5 Il-fonema /ʃ/ 'x' tirrealizza ruħha fi kliem bħal 'xi', 'xemx' u 'xagħar'. Fl-ortografija tagħna l-grafema 'x' diġà qed tirrappreżenta wkoll il-fonema /ʒ/ (ara 'xbin', 'ixdqa' u 'xbajt'). Għalhekk, kliem irrealizzat bħal /ˈteliˈviʒən/ u /diˈviʒən/ jinkiteb 'televixin' u 'divixin'.

6 Il-grafema 'z' tirrappreżenta żewġ ħsejjes fonemiċi differenti: il-ħoss mhux-imleħħen /ts/ fi kliem bħal 'ziju', 'azzjoni' u 'mezz' u l-ħoss imleħħen /dz/ fi kliem bħal 'gazzetta', 'organizza' u 'mezzi' (ara wkoll iż-*Żieda*, p. 15 (7)).

**2.** Meta l-"akka" etimoloġika titlissen dejjem /h/ 'ħ' fl-għerq ta' kelma għandha tinkiteb dejjem 'ħ' fil-kliem kollu mnissel mill-istess għerq (ara t-*Tagħrif,* p. 90 T.ċ.).

Eż. ħejja, raħeb, ġieħ, uċuħ.

**Nota 1**

Meta l-'akka' fi kliem ta' l-istess għerq daqqa titlissen /h/ 'ħe' u daqqa ma titlissinx, tinkiteb dejjem 'akka' (ara t-*Tagħrif,* p. 91 T.ċ).

Eż. iblah, bluhat; ikrah, kruhat; xebh, xbihat.

## II L-AĊĊENT GRAFIKU

Fil-Malti normalment jitniżżel aċċent grafiku wieħed biss (`) u dan fi kliem ta' nisel Rumanz fuq il-vokali ta' l-aħħar f'tarf il-kelma li jkollha aktar minn sillaba waħda.

Eż. kafè, università.

**Nota 1**

Ma jistax jintuża l-apostrofu minflok dan l-aċċent għax l-apostrofu fl-aħħar tal-kelma jirrappreżenta l-konsonanti ta' l-għerq 'għ' (ara t-*Tagħrif,* pp. 32 (2), 37 (2), 94 T.ċ. (1)).

Eż. faqa', waqqa'.

## III NOMI U AĠĠETTIVI BL-'GĦ' BĦALA L-EWWEL KONSONANTI TA' L-GĦERQ TAGĦHOM

Meta l-'għ' tkun l-ewwel konsonanti ta' l-għerq ta' nom jew ta' aġġettiv pożittiv fis-singular, kemm fis-singular u kemm fil-plural għandha tinkiteb quddiem nett.

Eż. *Nomi:* għasfur => għasafar; għalqa => għelieqi; għarus => għarajjes; għadu => għedewwa; għemil => għemejjel.

*Aġġettivi:* għażiż => għeżież; għarwien => għeriewen.

**Nota 1**

Filwaqt li t-*Tagħrif* (pp. 65 (5) – 66, 83 para. 2, 112 (8) u 114 T.ċ.) iħalli l-għażla fuq din il-pożizzjoni ta' l-'għ' fil-kelma, kemm bi kriterju storiku (l-'għ' fil-plural tiġi fuq quddiem nett, jiġ. 'għ' + vokali) daqskemm bi kriterju sinkroniku (il-vokali tiġi quddiem l-'għ', jiġ. vokali + 'għ' (ara, fost l-oħrajn, it-*Tagħrif,* p. 76 (13)), se jingħażel għal għanijiet prattiċi l-kriterju storiku.

**Nota 2**

L-aġġettivi 'agħma' (fem. 'għamja', pl. 'għomja') u 'agħraġ' (fem. 'għarġa', pl. 'għoroġ') jaqblu mal-binja tal-komparattivi (qabbel 'sabiħ => isbaħ', 'għani => ogħna'; ara t-*Tagħrif,* p. 60 (1)).

## IV IL-PREFISS 'J' QUDDIEM VERBI LI JIBDEW BL-'GĦ' JEW BL-'H'

Meta l-verb ikun jibda bl-'għ' jew bl-'h' u sewwasew quddiemha nżidu l-prefiss 'j-', ma nibdluhx fil-vokali 'i-' (ara t-*Tagħrif,* pp. 29, 42 (2)). Hawn qed nirreferu għat-tielet persuna maskil singular fl-imperfett u għat-tielet persuna plural fl-imperfett.

Eż. It-tifel jgħodd; it-tfal jgħoddu; il-marid jhewden; il-bniedem jgħix; il-bnedmin jgħixu; l-għalliem jgħallem.

## V NOMI MINN ILSNA RUMANZI/ANGLO-SASSONI LI JIBDEW B'KONSONANTI MTENNIJA

Bħal fil-każ tal-verbi li jsiru Maltin bid-duplikazzjoni ta' l-ewwel konsonanti (ara, iż-*Żieda,* p. 13 Ċ 2), u l-kelma ta' qabel tkun tintemm b'vokali, fin-nomi verbali mnissla minnhom ma jkunx hemm il-ħtieġa ta' vokali tal-leħen quddiem il-konsonanti hekk imtennija.

Eż. *pettinarsi* => ippettna => ippettnar; **mela,** ħafna ppettnar.
*to park* => ipparkja => ipparkjar; **mela,** ħafna pparkjar bl-addoċċ.
*to type* => ittajpja => ittajpjar; **mela,** kellna ttajpjar bħan-nies.

## VI '-TTIV' F'TARF L-AĠĠETTIVI

L-aġġettivi li jispiċċaw b''-ttiv' għandhom jinkitbu bit-'t' mtennija bħala parti mill-kelma.

Eż. imperattiv, effettiv, diminuttiv, attiv.

## VII IL-KONĠUNZJONI 'U'

Il-konġunzjoni 'u' għandha dejjem tinkiteb 'u', ukoll meta tiġi bejn żewġ kelmiet fejn ta' quddiemha tintemm b'vokali u ta' warajha tibda b'vokali (ara, it-*Tagħrif,* pp. 8 T.ċ., 50 T.ċ. *passim,* 79 (42) *passim,* 99 para. 4, 107 (71) *passim*).

Eż. ħija u oħti; waħda u oħra; daħlu u umiljawh.

## VIII ISMIJIET TA' ĦLEJJAQ

Ismijiet komposti ta' ħxejjex, bhejjem, annimali, ħut, tajr, insetti u rettili li huma fl-istat kostrutt (ara, it-*Tagħrif,* pp. 69, 79 (43) T.ċ. *passim,* 107 (71) para. 2 *passim*) jinkitbu xorta skond ir-regoli ta' l-istat kostrutt.

Eż. kelb il-baħar; faqqus il-ħmir; farfett il-lejl; widnet il-baħar.

---

Devjazzjoni minn dawn ir-regoli tista' ssir biss għal għanijiet letterarji skond il-liċenzja poetika.